MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 16**

**It-Tlieta, 06 ta' Mejju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 06 ta' Mejju 2025 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI:**

Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**16.1 Talba;**

16.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT16.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**16.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri preżenti li sa xħin kienet se tibda il-laqgħa kienet għada ma rċeviet l-ebda informazzjoni mingħand il-Viċi Sindku Ivana Mizzi. Is-Sindku ċempel dak il-ħin lil Viċi Sindku u din infurmatu li mhux se tkun qed tattendi għal din il-laqgħa. Hu informa lil membri preżenti u tkompliet il-laqgħa.

**16.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

16.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 14 u 15 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

16.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

16.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Il-kunsillier Horace Micallef informa lill kunsill li hu kien qed jastjeni mill-minuti Numru 15. Is-Sur Micallef ikkonferma li dan qed jagħmlu għal fatt li l-laqgħa ġiet immexxija għal ġimgħa qabel dak li kien miftihem oriġianljament u zied jgħid ukoll li il-laqgħat b'Urġenza għandhom issiru skond kif inhu stipulat fil-liġi. Is-Sur Micallef xtaq jikkonferma li hu mhux qed jikkontesta l-proċess tal-ħatra iżda il-fatti li semma. Is-Sindku u is-Segretarju talbu apoloġija. Il-minuti numru 14 u 15 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

.

**16..4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

16.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/20025 għall-perjodi bejn l-10 ta' April 2025 u s-06 ta' Mejju 2025 li tammonta għal €14,787.19 ġiet approvata u iffirmata.

**16.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

16.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jaġġorna lil membri dwar dak li kien ġie diskuss sa issa fuq l-iskema *SPI/SCI/04/2025 Espressjoni Ta' Interess – Finanzjament Milied 2025.* Hu iddiskuta mall-membri preżenti id-disinn tad-dekorazzjonijiet. Is-Sindku spjega li l-iskema hi sa massimu ta €15,000 VAT inkluż, hu reġa fakkar lil membri li l-Kunsill hu responsabli li jiffinanzja 15% tal-sipiza totali anke jekk dan it-total ma jiġix utilizzat kollhu. Minn stimi li nġabru sa issa jidher li din ser tkun qeda toqrob lejn is-somma ta €16,000 eskluż il VAT u għalhekk il-Kunsill

ser ikun qed joħroġ l-ispiza ta madwar €2,500. Il-membri qablu li nipproċedu u napplikaw ukoll għal din l-iskema.

16.5.2 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil membri tas-sapport waqt l-attivita' *Sensory Day Event,* b'mod speċjali lil kunsillier Joseph Mercieca tas-sapport li ta fil-kordinament tal-attivita'. L-attivita' kienet tajba fuq diversi livelli, it-tfal tar-raħal attendew u ħadu gost. Bħal kull attivita' li ssir wieħed jitgħallem minnha u nħarsu l-quddiem għal aktar krejativita fl-avvinimenti li norganizzaw.

16.5.3 Is-Sindku ikonferma mat-tender tal-proġett ta' *Taħt ir-Railing* u tkellem ukoll mal-perit tal-proġett u ħareġ ċar li l-ħajt ta mat-triq mhux inkluż, għalhekk hu qed jipproponi li niksuh aħna biex dan il-proġett ikun komplut. Ġie diskuss ukoll li jinbarax u jerġa jinzebgħah ir-*railing* ta mat-triq *u* jsir *railing* mal-ġnub tar-rampi li saru fil-proġett. Ġie maqbul li jsir ħadid bħal tar-*railing* u jinġabru l-stimi ġodda tal-kisi tal-ħitan biex il-laqgħa li jmiss niddeċiedu kif ser imexxu. Qabel ma ntemmet id-diskussjoni is-Segretarju qrat korrispondenza li bgħat id-direttur tal-kumpanija li qed tagħmel ix-xogħol ta dan il-proġett li fiha hi elenkat xi raġunijiet għaliex ix-xogħol fuq dan il-proġett kellu jieqaf f'diversi stadji. Din l-ittra hi r-risposta għall-ittra li aħna bgħatna bl-avukat kif kien mifthiem.

16.5.4 Is-Sindku xtaq jiproponi li jekk tiġi aċċetata l-applikazzjoni tal-*SPI/SCI/03/2025 - Lokalitajiet aktar nodfa* il- *Clean-Up Event* f'Settembru issir fl-20 tax-xahar. Il-membri qablu unanimament.

16.5.5 Is-Sindku ippropona li nżidu arblu ieħor fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi biex nkunu nistaw inzejnu it-triq kollha fil-Milied u attivitajiet oħra. Wara diskussjoni ġie deċiż li naraw kemm joqgħodu arbli fil-vojt li hemm u inżiduhom, sabiex jiġu imqassma unfiromament.

16.5.6 Is-Sindku iddiskuta l-proposta tal-iskema SPI/SCI/02/2025 – Skema Attivitajiet Annwali 2025/2026. Saret diskussjoni fuq l-isem u ġie deċiż li l-attivita' tissemma *Summer of Cultures,* wara ġie diskuss u ġie deċiż li l-attivita' tiġi iffokata fuq il-Ġelat tan-Nanna u li għal dan il-għan nħeġġu lil kumpaniji tal-ġelat f'Għawdex biex joħolqu verżjoni ġdida ta dan il-ġelat għal din l-okkazzjoni.

16.5.7 Is-Sindku xtaq jikkonferma mal-membri dwar il-kors tal-presepji. Hu xtaq li dan il kors issir xorta anke jekk ma tkunx aċċetata l-applikazzjoni imsemmija aktar il fuq - *SPI/SCI/04/2025* hu xtaq li dan iseħħ peress li l-

kors li qed jipproponi għal din is-sena jkun wieħed *hands on* . Il-membri qablu.

**16.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

16.6.1 Waqt il-laqgħa, is-Sur Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li il-globu taz-*zebra crossing* fit-tarf ta Triq il-Kappillan Hili inkiser u m'għadux hemm u li dan hu ta periklu filwaqt li d-dwal ta zebra crossing l-oħra fil-bidu tat-triq ukoll jinsabu ukoll mitfija.

**16.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

16.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar korrispondenza minn TM dwar il-parkeġġ riservat fi Triq is-Sajjieda li ġie irrifjutat fuq diversi kriterji.

16.7.2 Is-Segretarju ippreżentat ittra mingħand Għaqda tan-Nar Fontana fejn qed jitolbu kollaborazzjoni mill-Kunsill għal-spettaklu tan-nar tal-art għal Festa tal-Qalb ta'Ġesu', nhar is-Sibt 14 ta' Ġunju,2025. In-nar ser jinħadem f'*Lourdes Fireworks Factory,* San Ġwann. Ġie deċiż li għal din is-sena ser tiġi allokata is-somma ta €1,500.

16.7.3 Is-Segretarju xtaqet li jiġi diskuss l-armar tal- *kiosks* tal-festa. Dan wara ilmenti li rċeviet fid-dawl li dawn kien ikollhom jiċċaqalqu l-*kiosk* nhar ta Sibt qabel jinħaraq in-nar tal-art. Ġie deċiż li l-ġimgħa id-dieħla jiltaqa' il-kunsill fuq il-post biex jiddeċiedu fuq il-postijiet tal-*kiosk*

16.7.4 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li saret rikjesta ta 2 parkeġġi għal-karozzi tat-tieġ mis-7 ta' filgħodu sat-3 ta wara nofsinhar u 3 parkeġġi mis-sagħtejn ta wara nofsinhar sas-6 ta' filgħaxija fi Triq tal-Għajn. Hi resqet din ir-rikjesta peress li ma hemmx *standard.* Ġie deċiż li jingħataw 3 parkeġġi mis-2:00 sas-06:00 ta wara nofsinhar.

16.7.5 Is-Segretarju resqet korrispondenza dwar rikjesta għall-ktieb il-ġdid. Din saret mill-Junior College. Il-kunsill qabel li jingħata ukoll kopja tal-publikazzjoni ta qabel kif rikjest fl-ittra.

16.7.6 Is-Segretarju semmiet li-korrispondenzi li ntbgħatu lil membri mill-laqgħa li għaddiet sal- 05 ta' Mejju, 2025. Fakret lil membri dwar il kwestonarju tal-kunsilliera.

KUNSILL LOKALI FONTANA

**16.8 Day Centre tal-Anzjani;**

16.8.1 Is-Sindku xtaq jikkonferma li l-ewwel sessjoni ser issir fl-20 ta' Mejju, Il-membri iddeċidew li għal dawk li huma minn barra ir-raħal iħallsu €7. Hu xtaq jissuġġerixxi li jinxtara *projector* biex ikun jista' jintuża waqt is-sessjonijiet u f'attivitajiet oħra. Ġie deċiż li jinxtara TV u *stand* minflok *projector*. Il-membri iddeċidew li għal dawk li huma minn barra ir-raħal iħallsu €7.

**16.9 Attivita' Anzjani Festa;**

16.9.1 Is-Sindku ippropona li ssir ikla fiċ-Ċentru Ċiviku għal-anzjani tar-raħal (61+), wara diskussjoni ġie deċiż li din issir fl-10 ta' Ġunju biex issir fil-ġimgħa tal-festa hu li ma ittellef l-ebda attivitá oħra. Ġie deċiż li nġibu band lokali perferiblment waħda stil *Folk* u li fil-laqgħa li jmiss niddeċiedu dwar l-ikel.

**16.10 Attivita' tat-Tfal tas-Sajf;**

16.10.1 Is-Sindku ippropona attivita' fix-Xlendi f'kolaborazzjoni mall-Kunsil tal-Munxar fejn jinġabu logħob tal-baħar. Hu ippropona li għal din l-attivita napplikaw għal-fondi mill-Events in Gozo. Il-membri qablu.

**16.11 Proġett tal-Fanali – Triq il-Kappillan Hili;**

16.11.1 Is-Sindku informa lil membri li l-Engineer ta Galea Curmi ġew jagħmlu l-evaluation tal-fanali u ser ikun qed jibgħatulna ir-rapport li ser ikun qed jinkludi ukoll il *BOQ* neċessarju fejn hu meħtieġ il-bdil tal-fanali.

**16.12 Aġġornament tal-Proġetti;**

Il-laqgħa tal-Kunsill kellha tintemm peress li kien hemm laqgħa pjanata fil-5:00 ta filgħaxija mal-membri tal-għaqdiet flimkien mall-kappillan dwar l-organizzazzjoni ta' Festa Tfal 2025, għalhekk dan il-punt ma ġiex diskuss.

**16.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5:15 ta' filgħaxija.

Konfermati, llum, it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv